DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/120

tad-29 ta' Ottubru 2014

dwar l-għajnuna mill-Istat SA.27317 (C 25/09) (ex N 673/08) li l-Italja beħsiebha timplimenta favur it-tagħmir ta' projezzjoni diġitali

(notifikata bid-dokument C(2014) 7888)

(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikolu 108(2)(i) tiegħu,

wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

wara li stiednet lill-partijiet interessati jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom b'konformità [1] mal-artikoli msemmija u kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati,

Billi:

I. PROĊEDURA

(1) Fit-30 ta' Diċembru 2008 l-Italja nnotifikat lill-Kummissjoni l-intenzjoni tagħha li tintroduċi inċentivi tat-taxxa favur l-investimenti u d-distribuzzjoni fis-settur ċinematografiku kif ukoll taċ-ċinema diġitali. L-awtoritajiet Taljani bagħtu aktar informazzjoni fit-2 ta' April 2009 u fit-23 ta' Ġunju 2009.

(2) B'ittra tat-22 ta' Lulju 2009 l-Kummissjoni infurmat lill-Italja dwar id-deċiżjoni li tapprova l-inċentivi tat-taxxa tal-Italja favur l-investiment u d-distribuzzjoni fis-settur ċinematografiku. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni infurmat lill-Italja dwar id-deċiżjoni ta' bidu tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea relatata mal-kreditu ta' taxxa propost għall-investimenti f'tagħmir tal-projezzjoni diġitali.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura kienet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom.

(4) Il-Ministeru tal-Wirt u tal-Attivitajiet Kulturali u tat-Turiżmu u l-Kummissjoni Ewropea organizzaw seminar dwar dan is-suġġett, li sar f'Ruma fil-21 ta' Ottubru 2009.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet l-osservazzjonijiet dwar dan mill-partijiet interessati u għaddiethom lill-Italja biex tagħti lil din tal-aħħar l-opportunità li tikkummenta dwarhom; l-osservazzjonijiet tal-awtoritajiet Taljani waslu b'ittra reġistrata fid-19 ta' Jannar 2010. Wara dan kien hemm skambju ieħor ta' informazzjoni, fosthom l-ittri supplementari tal-awtoritajiet Taljani li ġew irreġistrati fis-7 ta' Settembru 2010, fit-12 ta' April 2011, fl-1 ta' Ġunju 2011, fl-1 ta' Diċembru 2011, fl-10 ta' Mejju 2012, fl-14 ta' Settembru 2012, fit-23 ta' April 2013, fis-6 ta' Diċembru 2013, fit-18 ta' April 2014, fil-11 ta' Ġunju 2014 u fl-1 ta' Awwissu 2014.

II. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA

1. Il-miżura notifikata

(6) Il-kreditu ta' taxxa favur l-impriżi ċinematografiċi li jinstallaw tagħmir tal-projezzjoni diġitali kien parti minn sensiela ta' miżuri ta' tassazzjoni għas-settur ċinematografiku introdotti mill-awtoritajiet Taljani. Flimkien, dawn il-miżuri ta' tassazzjoni kellhom l-għan li jistimulaw dinamiċi tas-suq maħsuba biex jappoġġjaw il-films b'karattru kulturali "ta' nazzjonalità Taljana" f'kuntest favorevoli għall-kompetizzjoni u jippromwovu films bħal dawn fl-Italja u fl-Ewropa.

(7) Is-sistema ta' kreditu ta' taxxa favur iċ-ċinema diġitali toffri kreditu ta' taxxa ugwali għal 30 % tal-ispejjeż effettwati għall-introduzzjoni ta' tagħmir maħsub għall-projezzjoni diġitali. Il-kreditu ta' taxxa massimu fis-sena jammonta għal EUR 50 000 kull skrin.

[1] ĠU C 196, 20.8.2009, p. 9.
[2] Cfr. nota 1.

(8) L-ispejjeż ammissibbli jistgħu jirrigwardaw:

(a) l-akkwist ta' tagħmir ta' projezzjoni u riproduzzjoni diġitali;

(b) l-akkwist ta' tagħmir u apparati għar-riċezzjoni tas-sinjal diġitali terrestri u/jew permezz tas-satellita.

(c) l-akkwist bi tranżazzjoni ta' lokazzjoni, jew il-kiri, ta' tagħmir, sistemi u apparati msemmija fil-punti ta' hawn fuq. Il-kuntratti relatati jrid ikun fihom l-obbligu ta' akkwist tal-assi sal-iskadenza tal-kuntratt ta' lokazzjoni, jew dispożizzjoni li tipprevedi li t-tali dritt ta' għażla jista' jiġi eżerċitat qabel mill-impriża li qed tużah;

(d) l-infiq għat-taħriġ tal-persunal;

(e) l-infiq marbut u strumentali għar-ristrutturar u l-konformità tal-kabini ta' projezzjoni, tat-tagħmir u tas-servizzi u l-postijiet awżiljari li qabel kienu jintużaw għall-projezzjoni permezz tal-film tal-35 mm.

L-infiq previst fl-aħħar żewġ punti ma jistax jirrappreżenta aktar minn 20 % tal-infiq totali effettwat għall-ittri (a), (b) u (c).

(9) Skont in-notifika tal-bidu tal-awtoritajiet Taljani, l-appoġġ mhuwiex soġġett għal kundizzjonijiet fil-każ ta' teatri taċ-ċinema li għandhom minn wieħed sa erba' skrins u tal-multiplex li għandhom minn 5 sa 10 skrins f'komuni li għandhom popolazzjoni taħt il-50 000 abitant. Għall-multiplex l-oħra li għandhom sa 24 skrin, l-għajnuna hija soġġetta għall-obbligu ta' projezzjoni ta' films kulturali għall-50 % tal-ġranet ta' programmazzjoni u li jikkonvertu tal-anqas 50 % tal-iskrins għall-projezzjoni diġitali.

(10) Il-kreditu ta' taxxa japplika għal impriżi ċinematografiċi li huma soġġetti għat-tassazzjoni fl-Italja.

(11) Il-bażi ġuridika tas-sistema hija din li ġejja:

(a) il-Liġi tal-24 ta' Diċembru 2007, Nru 244, dwar dispożizzjonijiet għat-tħejjija tal-baġit annwali u pluriennali tal-Istat;

(b) l-Ordni Amministrattiv tat-8 ta' Awwissu 2013, Nru 91, mibdul, b'emendi, fil-Liġi tas-7 ta' Ottubru 2013, Nru 112;

(c) dispożizzjonijiet ġodda li japplikaw għall-krediti ta' taxxa mogħtija lill-impriżi ċinematografiċi għall-introduzzjoni u l-akkwist ta' tagħmir u apparati maħsuba għall-projezzjoni diġitali.

2. **Tħassib imqajjem mill-Kummissjoni**

(12) Fid-deċiżjoni ta' bidu l-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura ta' għajnuna notifikata tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Permezz tal-offerta ta' inċentivi ta' taxxa, l-Istat Taljan jirrinunzja għal ċertu dħul u, bħala riżultat ta' dan, is-sistema tinvolvi l-użu ta' riżorsi tal-Istat. Is-sistema tipprevedi vantaġġ ekonomiku favur ċerti impriżi, f'dan il-każ l-impriżi ċinematografiċi. B'kont meħud tal-kummerċ internazzjonali tal-films, dan il-vantaġġ selettiv jista' jkollu impatt fuq il-kummerċ ġewwa l-Unjoni. Il-Kummissjoni tħassbet dwar il-kompatibilità tal-għajnuna.

(13) Il-Kummissjoni tħassbet, l-ewwel nett, dwar il-**ħtieġa** tal-kreditu ta' taxxa propost favur iċ-ċinema diġitali, u kkontestat il-limitu massimu propost tal-kreditu ta' taxxa (ta' EUR 50 000 kull skrin), għaliex dan jikkorrispondi (għal perċentwal ta' 30 %) għal spiża massima ammissibbli tal-installazzjoni ta' [EUR 50 000 EUR × 100/30] EUR 166 667 kull skrin. Dan il-limitu massimu huwa ogħla mill-istima tal-ispejjeż tat-tagħmir ta' projezzjoni diġitali ppreżentata mill-awtoritajiet Taljani (EUR 100 000). Il-Kummissjoni kellha dubji dwar il-limitu massimu tal-kreditu ta' taxxa u jekk l-ispejjeż ta' konverżjoni mill-ġdid ippreżentati kinux stima ġusta. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tħassbet dwar il-ħtieġa tal-installazzjoni ta' tagħmir ta' projezzjoni 2K ([3]) bl-ispeċifikazzjonijiet DCI ([4]) għall-projezzjoni ta' films ta' karattru kulturali Taljani u Ewropej.

(14) It-tieni, il-Kummissjoni tħassbet dwar il-**proporzjonalità** tal-miżura ta' għajnuna proposta u osservat li, probabbilment, it-teatri taċ-ċinema ta' daqs ikbar jistgħu jippermettu aktar faċilment li jinstallaw tagħmir ta' projezzjoni diġitali mingħajr is-sussidju mill-Istat. Il-Kummissjoni skopriet ukoll li għall-impriżi ċinematografiċi hemm

([3]) Il-verżjoni 2K għandha riżoluzzjoni ta' 2 048 × 1 080 pixel.

([4]) Id-DCI huma l-ispeċifiċitajiet iddefiniti għall-ewwel darba fl-2005 għas-suq Amerikan minn impriża konġunta bl-isem Digital Cinema Initiatives (inizjattivi għaċ-ċinema diġitali) iffurmata mill-kumpaniji l-kbar Amerikani tal-produzzjoni ċinematografika (Disney, Fox, Paramount, Sony Pictures Entertainment, Universal u Warner Bros. Studios).

disponibbli skemi kummerċjali għat-tranżizzjoni, bħall-"virtual print fee" (royalties għall-kopji virtwali) ([5]) u għalhekk qed tistaqsi ruħha jekk sussidju mill-Istat tal-limitu propost għal kull skrin ma jinvolvix l-għajbien ta' alternattivi kummerċjali.

(15) It-tielet, il-Kummissjoni tħassbet dwar l-**adegwatezza** tal-kreditu ta' taxxa propost bħala miżura ta' għajnuna, fejn osservat li l-allokazzjoni prevista għall-miżura (EUR 16,8 miljun) tikkorrispondi għal spiża ta' installazzjoni ta' EUR 56 miljun, ferm inqas mill-ispiża stmata għall-konverżjoni (ta' EUR 395,7 miljun ibbażata fuq EUR 100 000 kull skrin). Minbarra l-adegwatezza tal-fondi disponibbli, il-Kummissjoni tħassbet ukoll dwar kemm fil-fatt il-miżura proposta hija mmirata biżżejjed biex jintlaħaq l-għan li tiżdied id-diffużjoni ta' films Taljani u Ewropej ta' karattru kulturali. Tħassbet dwar jekk l-awtoritajiet Taljani setgħux jinstigaw fil-fatt lill-impriżi ċinematografiċi b'tagħmir diġitali jintroduċu skemi kummerċjali alternattivi, li joffru lill-ispettaturi Taljani għażla aktar vasta ta' films kulturali. Minħabba li l-użu ta' kreditu ta' taxxa jimplika li benefiċjarju jrid ikollu kapaċità biżżejjed biex jikkontribwixxi u minħabba li l-miżura timplika li l-impriżi ċinematografiċi jridu jiffinanzjaw is-70 % tal-investiment, il-Kummissjoni tħassbet dwar jekk it-teatri taċ-ċinema li kienu jeħtieġu għajnuna ikbar setgħux jibbenefikaw mill-kreditu ta' taxxa. Il-Kummissjoni esprimiet tħassib ukoll fuq il-fatt li l-għajnuna tul il-ħajja prevista (in-notifika kienet tittratta dwar miżura pilota li kienet iddum sentejn) kinitx tikkostitwixxi soluzzjoni sostenibbli għall-problema taċ-ċiklu ta' ħajja iqsar u tal-ispejjeż akbar tal-użu marbut mal-installazzjoni ta' tagħmir diġitali.

(16) Ir-raba', il-Kummissjoni tħassbet dwar ir-**riperkussjonijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali** tal-għajnuna. Għalkemm tirrikonoxxi li jista' jkun fl-interess komuni li Stat Membru wieħed juża għajnuna mill-Istat biex jinvesti fit-tranżizzjoni għat-teknoloġija diġitali tat-teatri taċ-ċinema, il-Kummissjoni talbet li tiġi aċċertata dwar in-newtralità teknoloġika tal-miżura; b'mod partikolari, talbet konferma tal-fatt li l-impriżi ċinematografiċi ma kinux se jiġu persważi jinvestu b'mod preferenzjali fi standard diġitali minflok ieħor. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Taljani jaċċertaw li jistgħu jiġu pprojettati anki dawk il-films distribwiti f'forma diġitali bbażata fuq standards pubbliċi inferjuri għall-istandard diġitali tat-tagħmir li għalih ingħata s-sussidju. Il-Kummissjoni osservat ukoll li l-għajnuna għall-installazzjoni ta' tagħmir tal-projezzjoni diġitali tista' b'mod indirett tibbenefika lill-kumpaniji l-kbar Amerikani ta' produzzjoni ċinematografika (fil-każ ta' tagħmir li jikkonforma mal-ispeċifiċitajiet DCI). Iż-żieda fid-domanda li tirriżulta mill-għajnuna proposta tista' żżid il-prezz tal-offerta limitata tat-tagħmir tal-projezzjoni. Minħabba l-għajnuna, l-Italja tista' tilħaq il-massa kritika ta' swali ċinematografiċi diġitali aktar malajr, li fih innifsu jista' jgħaġġel it-tranżizzjoni għad-distribuzzjoni diġitali u għalhekk għall-għeluq ta' dawk it-teatri taċ-ċinema li ma setgħux jinstallaw it-tagħmir tal-projezzjoni diġitali fil-ħin. Kumplessivament, il-Kummissjoni tħassbet dwar jekk l-effetti eventwali tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni kinux ikkumpensati mill-vantaġġi tal-għajnuna f'termini soċjali u kulturali.

3. **Emendi għall-miżura proposta fil-bidu tal-proċedura**

(17) Wara l-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali mill-Kummissjoni, il-miżura Taljana ta' kreditu ta' taxxa favur iċ-ċinema diġitali ġiet implimentata skont sistema adottata abbażi tal-qafas ta' referenza temporanju Komunitarju u fil-limiti "*de minimis*" ([6]). Wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Taljani beħsiebhom jimplimentaw fis-sħiħ il-miżura 'l fuq mil-limiti "*de minimis*".

(18) L-awtoritajiet Taljani jistmaw li l-baġit tal-miżura se jammonta għal madwar EUR 7,5 miljun għall-perjodu 2014-2015.

(19) Il-perjodu ta' din id-deċiżjoni jdum sal-31 ta' Diċembru 2022. L-awtoritajiet Taljani jipprevedu li l-użu tal-kreditu ta' taxxa se jkun aktar frekwenti matul is-snin 2014 u 2015.

(20) L-abbozzi ta' dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li permezz tagħhom l-awtoritajiet Taljani beħsiebhom jimplimentaw bis-sħiħ l-għajnuna (lil hinn mil-limitu "*de minimis*") ivarjaw min-notifika oriġinali fuq xi punti importanti.

(21) L-ewwel nett, il-kundizzjoni li t-teatri taċ-ċinema ta' daqs medju u kbir jinkludu ċertu ammont ta' films kulturali Taljani u Ewropej fil-programmazzjoni sabiex jiksbu l-għajnuna tneħħiet mir-regoli ta' implimentazzjoni emendati. F'dawn l-aħħar snin, l-awtoritajiet Taljan kellhom diffikultà jissorveljaw il-konformità tat-tali

([5]) Dawn l-iskemi kummerċjali għat-tranżizzjoni huma bbażati fuq royalty għall-kopji virtwali mid-distributuri għall-projezzjoni diġitali tal-films tagħhom fit-teatri taċ-ċinema. Is-sistema tar-royalties għall-kopji virtwali hija bbażata fuq il-kunċett ta' użu ta' parti mit-tfaddil imwettaq mid-distributur li jiddistribwixxi films fil-forma diġitali sabiex jikkontribwixxi għall-ispejjeż għat-tagħmir diġitali effettwati mill-impriżi ċinematografiċi. Ġeneralment dawn il-ftehmiet ta' "virtual print fee" jipprevedu l-parteċipazzjoni ta' intermedjarju ("integratur") li jiġbor ir-royalties għall-kopji virtwali mid-distributuri, jinstalla u eventwalment jiffinanzja t-tagħmir fit-teatri taċ-ċinema. Cfr. anki l-punt 50 għal stampa ġenerali tal-iskema tal-"virtual print fee" disponibbli fl-Italja.

([6]) Sal-aħħar tal-2010 abbażi tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Qafas temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali (ĠU C 83, 7.4.2009, p. 1). Wara l-aħħar tal-2010, il-miżura ġiet implimentata fuq il-bażi tar-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajnuna *de minimis* (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5). Fl-2013 il-Kummissjoni adottat regolament ġdid "*de minimis*", ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1).

kundizzjoni fil-każ tat-teatri taċ-ċinema ta' daqs medju u kbir. Barra minn hekk, dawn jeżiġu li t-taħsir ta' tali obbligu huwa meħtieġ għar-restawrazzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni bejn it-teatri taċ-ċinema ta' daqs ikbar li jeħtieġu għajnuna u ċ-ċirkuwiti maxi li jiddominaw is-suq ċinematografiku Taljan (cfr. il-punt 37).

(22) It-tieni, u fir-rigward ta' dak imsemmi hawn fuq, id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni emendati jipprevedu limitu ta' 60 skrin. L-impriżi ċinematografiċi li għandhom jew jiġġestixxu numru akbar ta' skrins huma eskluży mill-kreditu ta' taxxa. L-awtoritajiet Taljani jqisu li din hija alternattiva tajba għall-obbligu ta' programmazzjoni li kien imponut fil-bidu biex jiggarantixxi li l-miżura tilħaq l-objettivi tagħha u biex jiġu eskluży dawk l-operaturi tas-suq li, minħabba l-poter fis-suq tagħhom, għandhom ikunu kapaċi jgħaddu għat-teknoloġija l-ġdida mingħajr għajnuna.

(23) It-tielet, id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni l-ġodda jeħtieġu dikjarazzjoni tal-benefiċjarju sabiex jiġi evitat il-kumpens żejjed jew ir-ridirezzjoni tal-għajnuna jekk il-kreditu ta' taxxa jiġi kkombinat ma' sistemi kummerċjali (royalties għall-kopji virtwali).

(24) Ir-raba', ir-regoli emendati jippermettu l-akkumulazzjoni tal-għajnuna sa quċċata massima tal-għajnuna ta' 75 % tal-ispejjeż kumplessivi. Għat-teatri taċ-ċinema li għandhom skrin wieħed jew tnejn, il-quċċata massima tal-għajnuna hija ta' 90 %.

(25) Minbarra dawn l-emendi, mill-2012 il-benefiċjarji jistgħu jagħtu l-kreditu ta' taxxa diġitali lill-fornituri tat-tagħmir diġitali, lill-banek, lill-intermedjarji finanzjarji u lill-kumpaniji ta' assigurazzjoni (cfr. il-punt 56).

III. **OSSERVAZZJONIJIET MINN PARTIJIET INTERESSATI**

(26) Bħala rispons għall-konsultazzjoni pubblika dwar il-miżura ta' għajnuna, li twettqet fl-2009, il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet minn madwar 20 parti interessata. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet minn:

— l-organizzazzjonijiet tas-settur Taljan u Ewropew li jirrappreżentaw id-distributuri u t-teatri taċ-ċinema, kif ukoll il-Commission Supérieure Technique de l'Image et du Son (CST) Franċiża u l-Forum Ewropew għaċ-Ċinema Diġitali;

— l-awtoritajiet Franċiżi kif ukoll il-fondi għall-promozzjoni taċ-ċinematografija tal-Ġermanja u r-Renju Unit u n-Netwerk tal-Fondi Reġjonali għall-Films Awdjoviżivi (Cineregio). Diversi osservazzjonijiet li wasslu kienu jirreferu għall-pubblikazzjonijiet dwar id-Diretturi tal-Aġenziji Ewropej tal-Film (EFAD) ([7]);

— ċertu numru ta' impriżi, professjonisti tas-settur ċinematografiku u ċittadini ta' Franza, l-Italja, ir-Renju Unit u l-Isvizzera.

Barra minn hekk, f'Ottubru 2009 ġie organizzat seminar dwar dan is-suġġett f'Ruma.

(27) Fir-rigward tal-**ħtieġa** għall-għajnuna, il-kontribuzzjonijiet kollha rċevuti enfasizzaw il-ħtieġa tal-għajnuna mill-Istat għat-tranżizzjoni għaċ-ċinema diġitali, meqjusa bħala evoluzzjoni inevitabbli. Kif spjegat kemm mill-awtoritajiet Franċiżi kif ukoll mill-Kunsill Nazzjonali tar-Renju Unit tas-Settur Ċinematografiku (UK Film Council), il-benefiċċji ġenerali taċ-ċinema diġitali huma akkumpanjati mill-qsim asimmetriku tal-ispejjeż (effettwati mill-impriża ċinematografika) u tal-benefiċċji finanzjarji diretti (għad-distributur) relatati mat-tranżizzjoni. Din is-sitwazzjoni asimmetrika tagħmilha diffiċli li t-tranżizzjoni tiġi kkompletata f'waqtha mingħajr għajnuna esterna. F'dan il-kuntest, il-partijiet terzi li ppreżentaw osservazzjonijiet enfasizzaw ir-riskju evidenti li, jekk is-sistemi ta' projezzjoni diġitali ma jiġux magħmula iżjed aċċessibbli u affordabbli f'termini ta' prezz, fl-Ewropa ħafna teatri taċ-ċinema żgħar, indipendenti u/jew f'żoni mbiegħda jabbandunaw is-suq. Id-dikjarazzjoni tal-EFAD ta' Settembru 2009 kienet tafferma li t-30 % tat-teatri taċ-ċinema Ewropej kienu f'riskju li jagħlqu. Kemm l-awtoritajiet Franċiżi kif ukoll il-Kunsill Federali Ġermaniż għaċ-Ċinema enfasizzaw li mhux biss il-projezzjoni iżda anki d-distribuzzjoni tal-films kienet tiġi affettwata ħażin fin-nuqqas tal-għajnuna. Perjodu twil ta' tranżizzjoni, bid-distribuzzjoni parallela ta' kopji analogi u diġitali tal-film, tista' tirriżulta għalja wisq, b'mod partikolari għad-distributuri ta' films żgħar. Finalment, in-nuqqas ta' għajnuna jkollu impatt negattiv konsiderevoli fuq id-diffużjoni tal-films Ewropej, id-diversità kulturali u l-aċċess taċ-ċittadini Ewropej għall-kultura.

(28) Il-kontribuzzjonijiet kollha enfasizzaw ukoll li l-ħekk imsejħa standards DCI huma rikonoxxuti sew bħala standards komuni għaċ-ċinema diġitali. Il-promozzjoni ta' standard fuq livell globali hija perċepita pjuttost bħala element pożittiv aktar milli żvantaġġ għat-teatri taċ-ċinema għaliex din tippermetti l-ħolqien ta' sitwazzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi bejn dawn.

([7]) Id-Diretturi tal-Aġenziji Ewropej tal-Film (EFAD). San Sebastian Statement. Urgent and comprehensive public support needed for the digitisation of cinemas. San Sebastian: il-21 ta' Settembru 2009 u EFAD, dokument ta' riflessjoni — The case of public intervention in the digital transition of cinema. Ottubru 2009.

(29) Fir-rigward tal-ispejjeż ta' installazzjoni tat-tagħmir ta' projezzjoni diġitali, il-EUR 100 000 kull skrin ma kinux meqjusin b'mod ġenerali bħala stima eċċessiva. Għall-kuntrarju, ħafna kontribuzzjonijiet enfasizzaw li l-ispejjeż jistgħu jkunu ferm ogħla, pereżempju meta l-kabina tal-projezzjoni teħtieġ ħafna xogħlijiet, kif jista' jseħħ b'mod partikolari fit-teatri taċ-ċinema żgħar. Uħud mit-tweġibiet irrikonoxxew madankollu tendenza ta' nżul fil-prezzijiet tat-tagħmir ċinematografiku diġitali.

(30) F'ħafna kontribuzzjonijiet trażmessi kien sostnut li, anki kieku l-ispejjeż ta' konverżjoni kellhom ikunu ferm ogħla mill-għajnuna mill-Istat disponibbli (bħal ma ġara fil-każ tal-kreditu ta' taxxa Taljan), jibqa' l-fatt li l-għajnuna mill-Istat hija *kumplimentari* għal sorsi oħra ta' dħul, bħal pereżempju r-royalties għall-kopji virtwali u l-fondi proprji tal-impriżi ċinematografiċi.

(31) Fir-rigward tal-**proporzjonalità** tal-għajnuna, uħud mill-partijiet interessati kkritikaw il-kreditu ta' taxxa għaliex dawn kienu jistmaw li, probabbilment, kienu se jkunu t-teatri taċ-ċinema l-kbar li kienu se jibbenefikaw l-aktar. Oħrajn sostnew l-opportunità li tingħata għajnuna lit-teatri taċ-ċinema kbar, eventwalment fuq il-bażi tal-obbligi ta' programmazzjoni. Uħud mill-kontribuzzjonijiet madankollu tennew id-dikjarazzjoni tal-EFAD u enfasizzaw l-importanza li tiġi introdotta differenza fit-trattament, li tkun ġejja pereżempju (fil-każ speċifiku tal-kreditu ta' taxxa Taljan) minn livell differenti ta' kapaċità ta' kontribuzzjoni tat-teatri taċ-ċinema iżda anki, b'mod aktar ġenerali, minn restrizzjoni għall-aċċess fuq il-bażi tal-programmazzjoni, tad-daqs u tas-sitwazzjoni ġeografika tat-teatri taċ-ċinema. Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet tad-Distributuri tal-Films (FIAD) enfasizzat li, fis-suq taċ-ċinema u l-kuntest ekonomiku ġenerali attwali, anki l-impriżi l-kbar ċinematografiċi jistgħu ma jkunux qed jagħmlu qligħ.

(32) Dwar id-disponibilità ta' sistemi operattivi kummerċjali għat-tranżizzjoni u l-applikabilità tagħhom għat-teatri taċ-ċinema l-aktar żgħar, l-opinjonijiet kienu kemxejn differenti. Uħud sostnew li ma kienx hemm sistemi operattivi standard għat-tranżizzjoni għaċ-ċinema diġitali. Oħrajn affermaw li numru kbir ta' teatri taċ-ċinema ma setax ikollhom aċċess għall-ftehimiet "virtual print fee" offruti mill-intermedjarji ("integraturi") (cfr. anki n-nota 5) minħabba n-natura u l-volum tal-programmazzjoni tagħhom (il-volum tar-royalties għall-kopji virtwali ġġenera varjazzjoni skont in-numru ta' films ipprogrammati għall-ewwel ġimgħa mill-ħruġ u/jew in-numru ta' skrins li għandu teatru taċ-ċinema). Europa Distribution sostniet li s-sistemi operattivi kummerċjali huma validi biss għat-teatri taċ-ċinema bl-akbar qligħ u d-distributuri kbar kummerċjali. Skont id-dokument ta' riflessjoni tal-EFAD, huma biss madwar 10 000 skrin Ewropew fuq total ta' 30 000 li setgħu jaġġornaw it-tagħmir permezz tal-mudell "virtual print fee". Kontribuzzjoni waħda sostniet li s-sistema kummerċjali "virtual print fee" kienet adattata wkoll għat-teatri taċ-ċinema ta' daqs iżgħar. Fi kwalunkwe każ, l-awtoritajiet Franċiżi enfasizzaw li s-sistemi kummerċjali disponibbli għat-tranżizzjoni ma jkoprux l-ispejjeż kollha tal-konverżjoni diġitali tat-teatri taċ-ċinema (jiġifieri l-modernizzazzjoni tal-kabini ta' projezzjoni) u barra minn hekk jassumu dejjem kontribuzzjoni tal-impriżi ċinematografiċi. Anki f'dawn il-każijiet, is-sostenn pubbliku jista' jkollu rwol kumplimentari fundamentali.

(33) Fir-rigward tal-**adegwatezza** tal-għajnuna, il-partijiet interessati sabu li, b'mod ġenerali, l-għajnuna mill-Istat tgħin lit-teatri taċ-ċinema żgħar biex jaffrontaw il-kompetizzjoni qawwija tal-multiplex il-kbar u toħloq kundizzjonijiet ekwi. Skont il-previżjonijiet, l-installazzjoni ta' tagħmir ċinematografiku diġitali joħloq għażla aktar vasta għall-pubbliku. Il-kontribuzzjonijiet enfasizzaw ukoll il-vantaġġi marbuta maċ-ċinema diġitali, bħall-kwalità tal-projezzjoni, il-flessibbiltà tal-programmazzjoni u l-ispejjeż aktar baxxi tad-distribuzzjoni. L-awtoritajiet Franċiżi sostnew li l-adegwatezza tal-għajnuna favur iċ-ċinema diġitali ma għandhiex tiġi vvalutata f'termini ta' żieda fid-diversità tal-programmazzjoni, iżda pjuttost tal-kapaċità li jiġi evitat l-għeluq tat-teatri taċ-ċinema. Skonthom huwa permezz tad-diġitalizzazzjoni tat-tipi differenti ta' teatri taċ-ċinema li se jiġi ggarantit li jiġu offruti ġeneri ta' films differenti. Il-Forum Ewropew għaċ-Ċinema Diġitali sostna li, jekk il-kreditu ta' taxxa jista' jiġi kkumpensat bil-VAT, anki t-teatri taċ-ċinema bl-inqas qligħ jistgħu jibbenefikaw mill-miżura Taljana.

(34) Uħud mill-kontributuri semmew in-natura u d-dewmien qasir tal-kreditu ta' taxxa meta mqabbel mal-isfidi fuq perjodu twil imponuti mit-tranżizzjoni għaċ-ċinema diġitali. Oħrajn madankollu enfasizzaw li l-istandards kienu konsolidati biżżejjed biex jiggarantixxu l-validità tal-anqas għal għaxar snin, u li ċ-ċiklu tal-ħajja tat-tagħmir ċinematografiku diġitali kien għadu ma jistax jiġi speċifikat. Il-Kunsill Federali Ġermaniż għaċ-Ċinema enfasizza li l-għajnuna għat-tranżizzjoni għaċ-ċinema diġitali kienet tiswa inqas fir-rigward tal-ispejjeż marbuta mar-rikostruzzjoni tat-teatri taċ-ċinema u d-diversità kulturali wara l-għajbien tal-operaturi li ma jistgħux jiffinanzjaw it-tranżizzjoni huma stess. Il-Ġermanja enfasizzat ukoll li l-kuntest speċifiku nazzjonali u reġjonali ta' kull Stat Membru jeħtieġ miżura ta' għajnuna mfassla apposta u forma ta' għajnuna adegwata. Id-dikjarazzjoni tal-EFAD tenniet it-tali avviż u enfasizzat in-nuqqas ta' soluzzjoni valida b'mod universali. L-Assoċjazzjoni Taljana tal-Impriżi Ċinematografiċi, l-ANEC, tipprevedi li sa tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tat-tagħmir diġitali l-kuntest se jkun

inbiddel biżżejjed li s-sostituzzjoni ssir inqas problematika. Il-Forum Ewropew għaċ-Ċinema Diġitali afferma wkoll li l-ispejjeż eventwali tal-użu supplementari jistgħu jkunu kkumpensati minn sorsi ġodda ta' dħul għat-teatri taċ-ċinema involuti.

(35) Fir-rigward tar-**riperkussjonijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali** tal-għajnuna, il-kontribuzzjonijiet enfasizzaw b'mod ġenerali l-ħtieġa ta' standard uniku għaċ-ċinema diġitali u l-aċċettazzjoni wiesgħa tal-istandards DCI. Id-dikjarazzjoni tal-EFAD tafferema li l-għajnuna għaċ-ċinema diġitali ma għandhiex timponi soluzzjoni teknoloġika, iżda għandha tkun ikkonċepita permezz ta' valutazzjoni b'attenzjoni tas-sitwazzjoni teknoloġika tas-settur. Fil-kummenti tagħha, Europa Distribution enfasizzat li jekk ma jiġix rispettat l-istandard tas-settur dan jista' jwassal għall-għeluq ta' ħafna teatri taċ-ċinema. Fi kwalunkwe każ, l-ANEC ippreċiżat li l-miżura tħalli t-teatri taċ-ċinema fil-libertà li jinvestu fl-istandard li jippreferixxu. Ħafna kontribuzzjonijiet enfasizzaw ukoll li t-tagħmir li huwa skont l-ispeċifikazzjonijiet DCI jista' jintuża wkoll għall-projezzjoni ta' programmi ta' standards diġitali differenti (iktar baxxi), filwaqt li l-oppost (il-projezzjoni ta' kopji ċinematografiċi li jikkonformaw mal-istandard DCI bi projetturi pereżempju ta' 1,3 k) mhuwiex possibbli. Il-kummenti ppreżentati ma speċifikawx ir-riskji li jiżdiedu l-prezzijiet, li, għall-kuntrarju, għandhom jonqsu maż-żmien. F'dan ir-rigward, il-kontribuzzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi u d-dokument ta' riflessjoni tal-EFAD enfasizzaw li l-miżuri ta' għajnuna għandhom ikunu kkonċepiti b'mod li jiġi evitat li jfixklu l-kompetizzjoni fis-suq tat-tagħmir diġitali. Il-miżuri ta' għajnuna għandhom għalhekk ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-ispejjeż tat-tagħmir diġitali u l-għajnuna għandha tkun limitata skont it-tali stimi. It-tħassib tal-Kummissjoni dwar jekk l-għajnuna mill-Istat tistax tgħaġġel it-tranżizzjoni għad-diġitali u għalhekk l-għeluq taċ-ċinema (cfr. il-punt 16) ma ġiex issostanzjat mill-kontribuzzjonijiet, u li għall-kuntrarju dawn ippreżentaw l-għajnuna mill-Istat bħala soluzzjoni durabbli għall-isfida taċ-ċinema diġitali. Il-Federazzjoni Taljana taċ-Ċinema Sperimentali enfasizzat il-medda ġeografika limitata tat-teatri taċ-ċinema u għalhekk in-nuqqas ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni li l-miżura kieku tipproduċi.

IV. **L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-ITALJA**

1. **Il-ħtieġa tal-għajnuna**

(36) L-awtoritajiet Taljani taw lill-Kummissjoni informazzjoni dwar il-karatteristiċi tas-suq ċinematografiku Taljan (l-aħħar aġġornament sar f'Ottubru 2013). Fl-Italja huwa stmat li hemm bħala total 3 936 skrin, li jinsabu f'1 872 teatru taċ-ċinema li jistgħu jiġu distinti f'erba' kategoriji:

(a) netwerks kbar ([8]) ta' teatri taċ-ċinema li għandhom iżjed minn 60 skrin: jeżistu biss tnejn ta' dan it-tip, jiġifieri l-"UCI" u "The Space" li jirrappreżentaw 787 skrin f'76 sit;

(b) netwerks żgħar ta' teatri taċ-ċinema: hemm 15-il wieħed, kull wieħed jinkludi total ta' mhux aktar minn 60 skrin. B'kollox it-teatri taċ-ċinema ta' din il-kategorija jirrappreżentaw 513-il skrin f'104 siti;

(c) teatri taċ-ċinema kummerċjali żgħar: jirrappreżentaw 1 287 skrin, distribwiti fi 351 teatru taċ-ċinema.

(d) teatri taċ-ċinema minuri: kategorija li tinkludi kważi esklussiviament teatri taċ-ċinema b'sala waħda (għad-90 % tagħhom), flimkien ma' teatri taċ-ċinema staġjonali u/jew teatri taċ-ċinema tal-Knisja. Dawn huma 1 340 sit, li jikkorrispondu għal stima ta' 1 500 skrin.

(37) Filwaqt li l-ikbar netwerks tat-teatri taċ-ċinema (imsemmija fl-ittra (a)) jirrappreżentaw l-40 % tas-sehem tas-suq nazzjonali, it-teatri taċ-ċinema msemmija fl-ittra (d) jirrappreżentaw biss il-5-10 % tas-sehem tas-suq.

(38) Is-sistema tal-kreditu ta' taxxa hija destinata għat-teatri taċ-ċinema msemmija fl-ittri (b), (c) u (d). B'mod partikolari, b'kont meħud tal-pożizzjoni dominanti fis-suq taż-żewġ netwerks il-kbar tat-teatri taċ-ċinema, l-awtoritajiet Taljani jqisu neċessarju l-għajnuna mill-Istat biex tiġi kkompletata t-tranżizzjoni diġitali ta' dawn l-impriżi ċinematografiċi, kollha ta' daqs żgħir jew medju.

([8]) B'netwerks tat-teatri taċ-ċinema l-awtoritajiet Taljani jfissru kumpanija li għandha tal-anqas 15-il skrin f'tal-anqas 3 teatri taċ-ċinema;

(39) Skont id-dejta mogħtija mill-Ministeru tal-Wirt u tal-Attivitajiet Kulturali u tat-Turiżmu, fil-perjodu 2010-2013 kienu 1 603 l-iskrins li ssottomettew applikazzjoni għall-kreditu ta' taxxa favur iċ-ċinema diġitali (dejta ta' April 2014). Il-miżura, implimentata skont ir-Regolament "*de minimis*", kellha suċċess immedjatament wara l-bidu tagħha fl-2010 (meta bbenefikaw minnha 671 skrin).

(40) L-implimentazzjoni tal-miżura skont ir-Regolament "*de minimis*" irriżultat madankollu li ma kinitx biżżejjed biex iddawwar is-sitwazzjoni. B'mod partikolari t-teatri taċ-ċinema b'ħafna swali ta' daqs medju setgħu jagħmlu diġitalizzazzjoni ta' parti biss tal-iskrins tagħhom.

(41) L-awtoritajiet Taljani indikaw li d-diġitalizzazzjoni tat-teatri taċ-ċinema fl-Italja għadha lura. F'Ottubru 2013 il-perċentwal tad-diġitalizzazzjoni kien ugwali għal madwar it-62 % ([9]) u, skont l-istimi mogħtija mill-awtoritajet Taljani f'Ġunju 2014, għad trid issir diġitalizzazzjoni ta' mill-anqas 700 skrin.

(42) Bħala konsegwenza, numru sostanzjali tat-teatri taċ-ċinema, l-aktar ta' daqs żgħir jew medju, jinsab f'riskju. L-għajbien tagħhom ma jfissirx biss telf ta' impjieg fil-livell tal-impriża ċinematografika iżda, imbagħad, dan se jkollu impatt fuq id-distribuzzjoni tal-film u jillimita l-għażla għall-pubbliku.

(43) B'mod partikolari, l-awtoritajiet Taljani enfasizzaw ir-rwol tat-teatri taċ-ċinema b'sala waħda u tat-teatri taċ-ċinema ta' daqs medju fl-Italja. Il-preżenza kontinwa tat-teatri taċ-ċinema b'sala waħda hija fundamentali biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ta' aċċess għaċ-ċittadini kollha għaċ-ċinema, inklużi dawk li joqogħdu f'villaġġi żgħar, rurali u tal-muntanja. It-tieni grupp, it-teatri taċ-ċinema ta' daqs medju, jikkostitwixxi s-sinsla tad-distribuzzjoni u l-projezzjoni tal-films ta' kwalità fl-Italja. Il-preżenza kontinwa tagħhom hija importanti għaliex dawn joffru alternattiva għaż-żewġ netwerks kbar tat-teatri taċ-ċinema li jiddominaw is-suq.

(44) L-awtoritajiet Taljani jipprevedu li l-films tradizzjonali se jisparixxu b'mod definittiv mis-suq fi żmien perjodu ta' ftit ġimgħat jew xhur biss. Minħabba li d-data ta' skadenza hija fil-qrib, l-awtoritajiet Taljani enfassizzaw il-ħtieġa li tiġi implimentata l-miżura lil hinn mil-limitu tad-"*de minimis*".

(45) Fir-rigward tal-kreditu ta' taxxa massimu propost (ta' EUR 50 000 kull skrin) u l-ispejjeż stmati tat-tagħmir ta' projezzjoni diġitali, l-awtoritajiet Taljani naqqsu l-istimi tagħhom tal-ispiża medja tal-konverżjoni diġitali għal kull skrin għal EUR 50 000-60 000 (ċifri mogħtija f'April u f'Ġunju 2014). Fi kliem ieħor, il-kreditu ta' taxxa massimu jikkorrispondi għal spejjeż ta' konverżjoni ferm ogħla mill-ispejjeż ta' konverżjoni medji stmati. L-awtoritajiet Taljani madankollu enfasizzaw li l-inċentivi tat-taxxa huma kkalkulati fuq il-bażi ta' perċentwal tan-nefqa reali. Fuq il-bażi ta' investiment medju ta' EUR 50 000, l-inċentiv tat-taxxa offrut (ta' 30 %) se jkun ugwali għal EUR 15 000. Fil-prattika normali, għalhekk, qatt ma jiġi applikat il-kreditu ta' taxxa massimu. Madankollu, il-limitu massimu jiggarantixxi li, fil-każ ta' spejjeż ta' konverżjoni għoljin b'mod mhux normali, l-ammont tal-għajnuna jibqa' limitat anki f'termini assoluti.

(46) Fir-rigward tal-ħtieġa tal-għajnuna, huwa importanti li wieħed jinnota wkoll li l-aħħar informazzjoni riċevuta mill-awtoritajiet Taljani tindika għal darb'oħra spiża tal-konverżjoni għad-diġitali ugwali għal diversi għexieren ta' eluf ta' euro kull skrin. Għal ħafna teatri taċ-ċinema, b'mod partikolari dawk ta' daqs żgħir, mhuwiex possibbli li jiġbru dawn il-fondi minn sorsi privati, b'mod partikolari fil-kuntest ekonomiku attwali Taljan u Ewropew.

2. **Il-proporzjonalità tal-għajnuna**

(47) F'termini ġenerali, l-awtoritajiet Taljani enfasizzaw li l-kreditu ta' taxxa huwa kumplimentari għas-sistemi kummerċjali għat-tranżizzjoni u ma jeskludix l-użu tal-ħekk imsejħa mudelli "virtual print fee".

(48) Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni emendati fihom sensiela ta' dispożizzjonijiet li jiżguraw il-proporzjonalità tal-miżura ta' għajnuna, billi jikkunsidraw, pereżempju, il-mekkaniżmi tas-suq disponibbli għall-konverżjoni għaċ-ċinema diġitali (jiġifieri l-mudelli "virtual print fee").

([9]) Id-dejta tal-Assoċjazzjoni Taljana tal-Impriżi Ċinematografiċi (ANEC), mogħtija mill-Ministeru tal-Wirt u tal-Attivitajiet Kulturali u tat-Turiżmu.

(49) L-ewwel nett, huma biss l-impriżi ċinematografiċi b'mhux iktar minn 60 skin li jistgħu jitolbu ħelsien mit-taxxa. Dan ifisser l-esklużjoni mill-għajnuna taż-żewġ ċirkuwiti maxi Taljani ("UCI" u "The Space"), li għall-konverżjoni tagħhom, ippreċiżaw l-awtoritajiet Taljani, ġie implimentat b'suċċess il-mudell klassiku tal-"virtual print fee". Barra minn hekk, b'kont meħud tal-pożizzjoni dominanti tagħhom fis-suq (cfr. il-punt 37), impriżi ċinematografiċi bħal dawn ma għandhomx jiddependu mill-għajnuna mill-Istat għall-konverżjoni għaċ-ċinema diġitali.

(50) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Taljani, iż-żewġ netwerks kbar tat-teatri taċ-ċinema huma l-uniċi li użaw il-mudell klassiku tal-"virtual print fee". Madankollu, anki l-operaturi ċinematografiċi iżgħar kellhom aċċess għal mekkaniżmi kummerċjali biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għaċ-ċinema diġitali. Fl-Italja ġie żviluppat mudell alternattiv tal-"virtual print fee", li huwa adegwat għat-teatri taċ-ċinema ta' daqs żgħir, ibbażat fuq ftehim bejn l-assoċjazzjonijiet tad-distributuri u l-impriżi ċinematografiċi. It-tabella tagħti d-differenzi u s-similaritajiet prinċipali bejn il-mudell klassiku tal-"virtual print fee" u dak alternattiv hekk kif inhuma implimentati fl-Italja:

tqabbil tal-mudell klassiku tal-VPF u dak alternattiv fl-Italja

Il-mudell klassiku tal-VPF fl-Italja	Il-mudell alternattiv tal-VPF fl-Italja
Intermedjarju ("integratur") li għandu kuntratti tal-"virtual print fee" mad-distributuri, jiffirma ftehim ma' impriża ċinematografika.	Ibbażat fuq ftehim bejn l-assoċjazzjoni tad-distributuri u l-assoċjazzjoni tal-impriżi ċinematografiċi. Ma hemmx partijiet terzi involuti.
L-impriża ċinematografika hija proprjetarja tat-tagħmir diġitali u ma tħallsux minn qabel.	L-impriża ċinematografika hija proprjetarja tat-tagħmir diġitali mill-bidu u tkopri l-ispiża sħiħa tal-akkwist inizjali.
Kemm id-distributuri kif ukoll l-impriżi ċinematografiċi jikkontribwixxu għall-amortizzazzjoni progressiva tal-ispejjeż, rispettivament permezz tar-royalties għall-kopji virtwali u l-pagamenti fix-xahar. Il-qsim tal-infiq normalment huwa dan li ġej: il-75 % mħallsa mid-distributuri u l-25 % mħallsa mill-impriża ċinematografika.	Id-distributuri tal-films iħallsu r-royalties għall-kopji virtwali għall-projezzjoni diġitali tal-films. Dawn ir-royalties jistgħu jkopru sa 75 % tal-ispejjeż tal-konverżjoni għad-diġitali. L-impriża ċinematografika fi kwalunkwe każ trid tkopri EUR 5 500 tal-ispejjeż.

(51) It-tieni, b'kont meħud ta' dak imsemmi hawn fuq, l-awtoritajiet Taljani emendaw id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni sabiex jipprevjenu l-kumpens żejjed jew ir-ridirezzjoni tal-għajnuna fil-każ fejn il-kreditu ta' taxxa jkun ikkombinat ma' sistemi kummerċjali (royalties għall-kopji virtwali). Il-benefiċjarju jrid jippreżenta dikjarazzjoni li tgħid li l-benefiċċju tat-taxxa huwa mitlub biss biex ikopri l-ispejjeż reali (cfr. il-punt 23). L-awtoritajiet Taljani ddikjaraw li l-kontroll mill-Ministeru tal-Wirt u tal-Attivitajiet Kulturali u tat-Turiżmu, li jsir għal kull każ individwali, jiggarantixxi li l-għajnuna tkopri biss il-parti tal-investiment effettwata realment mill-impriża ċinematografika.

(52) It-tielet, sabiex tiġi ggarantita l-proporzjonalità tal-miżura ġew introdotti quċċati massimi għall-akkumulazzjoni tal-għajnuna, li jiddistingwu bejn it-teatri taċ-ċinema l-aktar żgħar (bi skrin wieħed jew tnejn) u l-oħrajn (cfr. il-punt 24).

3. **L-adegwatezza tal-għajnuna**

(53) Fid-deċiżjoni ta' bidu tal-proċedura l-Kummissjoni esprimiet tħassib dwar l-adegwatezza tal-allokazzjoni stmata tal-miżura biex tkopri l-ispejjeż previsti tal-konverżjoni. L-istimi aġġornati relatati mal-allokazzjoni u mal-ispejjeż mogħtija mill-awtoritajiet Taljani (cfr. il-punti 18 u 45) jippermettu valutazzjoni aġġornata tas-sitwazzjoni li l-miżura ta' għajnuna beħsiebha tkopri. Fuq il-bażi ta' kreditu ta' taxxa medju ta' EUR 15 000 u b'kont meħud tal-allokazzoni stmata tas-sistema (cfr. il-punt 18), 500 skrin jistgħu jibbenefikaw mill-miżura bejn l-2014 u l-2015, perjodu li fih huwa previst użu akbar tal-miżura. Dan in-numru jikkorrispondi għal parti sostanzjali tal-iskrins li għadhom jeħtieġu diġitalizzazzjoni (cfr. il-punt 40).


(54) Minkejja t-tneħħija tal-obbligu ta' programmazzjoni kulturali tas-sistema tal-għajnuna, l-awtoritajiet Taljani affermaw li s-sistema għad għandha għan b'saħħtu kulturali. Id-diġitalizzazzjoni kompluta tas-suq ċinematografiku Taljan se twassal għal diffużjoni aħjar ta' tipi differenti ta' films u potenzal ikbar ta' diffużjoni ta' xogħlijiet "niċċa". Kieku ma ssirx it-tranżizzjoni għad-diġitali tat-tipi differenti ta' teatri taċ-ċinema li hemm fl-Italja, il-kultura tiġi affettwata ħażin.

(55) L-awtoritajiet Taljani enfasizzaw li l-miżura tal-kreditu ta' taxxa timplika kumpens li jirrigwarda mhux biss it-taxxi diretti dovuti lill-Aġenzija tad-Dħul (taxxa fuq il-kumpaniji) iżda jinkludi wkoll it-taxxi indiretti (pereżempju l-VAT), kif ukoll it-taxxa minn ras il-għajn u l-kontribuzzjonijiet soċjali (li jitħallsu minn min iħaddem f'isem il-ħaddiema tagħhom). Il-kumpens permezz ta' dawn it-taxxi kollha jingħata kunsiderazzjoni sabiex jiġi kkalkulat il-benefiċċju tal-kreditu ta' taxxa u jżid l-aċċessibilità tas-sistema, minħabba li l-possibilità li wieħed jibbenefika ma tiddependix fuq il-livell ta' introjtu reali tal-impriża involuta.

(56) Barra minn hekk, permezz tal-Artikolu 51 tal-Ordni Amministrattiv Nru 83 tal-2012, ġiet introdotta l-possibilità li l-kreditu ta' taxxa jingħata lill-fornituri tat-tagħmir diġitali, lill-banek, lill-intermedjaturi finanzjarji u lill-kumpaniji tal-assigurazzjoni (cfr. il-punt 25). Dan iżid l-aċċessibilità tal-miżura ta' għajnuna għat-teatri taċ-ċinemas aktar żgħar, b'mod partikolari għan-negozji tal-familja u mingħajr impjegati.

(57) Diġà matul l-implimentazzjoni tal-miżura skont ir-Regolament "*de minimis*" ibbenefikaw mill-krediti ta' taxxa t-tipi kollha ta' teatri taċ-ċinema, inklużi l-iżgħar fis-suq, kif muri mid-dijagramma li ġejja li tagħti ħarsa ġenerali lejn il-benefiċjarji tas-sistema (tal-perjodu 2010-2013).

Il-benefiċjarji għal kull tip ta' teatru taċ-ċinema (2010-2013, fuq il-bażi tan-numru ta' skrins) (dejta aġġornata l-aħħar f'April 2014 u mogħtija mill-Ministeru tal-Wirt u tal-Attivitajiet Kulturali u tat-Turiżmu)



(58) Mid-dejta mogħtija jidher ukoll li kien hemm żieda netta fin-numru u fil-perċentwal ta' teatri taċ-ċinema żgħar li bbenefikaw mill-kreditu ta' taxxa fl-2012 u l-aktar fl-2013. Kumplessivament, skont id-dejta mibgħuta mill-Italja, bejn l-2010 u l-aħħar tal-2013 ibbenefikaw mill-kreditu ta' taxxa għat-tranżizzjoni għad-diġitali 325 teatru taċ-ċinema, jiġifieri l-24,3 % tal-1 340 teatru taċ-ċinema l-aktar żgħar Taljani.

4. **Ir-riperkussjonijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali**

(59) L-awtoritajiet Taljani enfasizzaw l-importanza, mill-perspettiva tal-ħarsien tal-kultura, li tiġi ggarantita tranżizzjoni kompluta għaċ-ċinema diġitali. L-installazzjoni tat-tagħmir diġitali tinvolvi sensiela ta' vantaġġi importanti (bħal flessibilità ikbar) għas-settur kollu ċinematografiku (u, finalment, għall-pubbliku). L-ispejjeż tal-konverżjoni madankollu huma għoljin u mhumiex distribwiti b'mod ekwu u għandhom impatt l-aktar fuq it-teatri taċ-ċinema. B'mod partikolari l-operaturi żgħar tas-suq mhumiex kapaċi jwettqu t-tranżizzjoni mingħajr l-għajnuna mill-Istat. Is-sistemi kummerċjali mfassla għat-tranżizzjoni (ir-royalties għall-kopji virtwali) mhumiex biżżejjed biex jikkumpensaw dan l-iżbilanċ u mhux it-teatri taċ-ċinema kollha għandhom aċċess għalihom b'mod ekwu.

(60) L-awtoritajiet Taljani kkonfermaw li, fl-opinjoni tagħhom, l-arranġamenti tas-sistema ma jitfgħux dubju fuq il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika.

V. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA TA' GĦAJNUNA

1. Is-sussistenza tal-għajnuna

(61) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE: *"Ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern"*.

(62) Kif muri fid-deċiżjoni ta' bidu u fil-qosor fil-punt 12, il-miżura ta' għajnuna notifikata tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Is-sors tal-finanzjament huwa magħmul fil-fatt minn inċentivi ta' taxxa, minħabba li l-Istat Taljan jirrinunzja għal ċertu dħul mit-taxxa. Taħt is-sistema, ċerti kumpaniji ċinematografiċi se jibbenefikaw minn dan il-vantaġġ finanzjarju u għalhekk il-miżura tagħti vantaġġ selettiv lil ċerti impriżi. Il-benefiċjarji huma f'kompetizzjoni ma' impriżi oħra, li mhux neċessarjament qed jibbenefikaw mis-sistema. Bħala konsegwenza, is-sistema twassal għal distorsjoni jew theddida ta'distorsjoni tal-kompetizzjoni, B'kunsiderazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-films, il-miżura jista' jkollha impatt fuq il-kummerċ fl-Unjoni.

2. Il-kompatibilità tal-għajnuna

(63) L-awtoritajiet Taljani jiġġustifikaw il-miżura bħala għajnuna għall-promozzjoni tal-kultura u dejjem jenfasizzaw l-importanza kulturali li tiġi kkompletata malajr kemm jista' jkun it-tranżizzjoni għaċ-ċinema diġitali fil-pajjiż. Il-miżura ta' għajnuna għandha l-għan li tiggarantixxi li t-tipi kollha ta' teatri taċ-ċinema jkunu jistgħu jgħaddu għad-diġitali, minkejja l-ispejjeż għoljin tal-konverżjoni.

(64) Meta ġiet adottata d-deċiżjoni ta' bidu tal-proċedura rigward il-miżura, il-Kummissjoni ma kinitx speċifikat il-politika tagħha dwar l-għajnuna għall-projezzjoni diġitali. Minn dak iż-żmien, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni ġdida dwar għajnuna mill-Istat għall-films u xogħlijiet awdjoviżivi oħra ([10]), li aġġornat il-kriterji użati għall-valutazzjoni tal-kompatibilità tal-għajnuna mill-Istat favur films u xogħlijiet awdjoviżivi oħra skont l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE.

(65) Il-komunikazzjoni ġdida dwar il-films tirrikonoxxi li l-għajnuna għall-produzzjoni ċinematografika tista' tiġi vvalutata bħala għajnuna għall-promozzjoni tal-kultura skont l-Artikolu 107(3)(d) tat-TFUE. Għaldaqstant il-kompatibilità tal-għajnuna tista' tiġi vvalutata skont din id-dispożizzjoni. Il-komunikazzjoni dwar il-films tistabbilixxi li l-għajnuna għall-modernizzazzjoni tat-teatri taċ-ċinema, inkluża d-diġitalizzazzjoni tagħhom, tista' tkun iġġustifikata fuq din il-bażi jekk tkun meħtieġa, proporzjonali u adegwata.

(a) *Il-ħtieġa għall-miżura*

(66) Kif muri mill-awtoritajiet Taljani u kkonfermat mill-osservazzjonijiet tal-partijiet interessati, it-tranżizzjoni għaċ-ċinema diġitali tirrappreżenta sfida għas-settur ċinematografiku li tirrigwarda it-teatri taċ-ċinema Ewropej b'mod globali, u b'mod partikolari t-teatri taċ-ċinema l-aktar żgħar. L-għajbien tat-teatri taċ-ċinema, b'mod partikolari tat-teatri taċ-ċinema indipendenti ta' daqs żgħir u medju li hemm fl-ibliet b'inqas abitanti, inaqqas id-diversità u d-diffużjoni fil-livell reġjonali tal-offerta ta' films ċinematografiċi. Fi kliem ieħor, tranżizzjoni twila u mhux omoġenja jkollha impatt negattiv fuq il-projezzjoni u d-distribuzzjoni ċinematografika u, finalment, fuq il-pubbliku Ewropew.

(67) Minkejja l-implimentazzjoni tal-miżura ta' tassazzjoni skont ir-Regolament *"de minimis"*, l-Italja għadha lura fit-tranżizzjoni għaċ-ċinema diġitali.

(68) Fl-istess ħin, minħabba li s-suq qed joqrob lejn it-tmiem tal-konverżjoni b'aktar minn 60 % tal-iskrins Taljani li kienu diġitalizzati sal-aħħar tal-2013, is-sitwazzjoni aggravat għat-teatri taċ-ċinema li jiddependu fuq l-għajnuna mill-Istat għat-tranżizzjoni minħabba li d-disponibilità tal-films tal-35 mm mhijiex iggarantita fiż-żmien qasir.

(69) Il-miżura ma tindirizzax b'mod esklussiv it-teatri taċ-ċinema ta' daqs aktar żgħir, iżda anki t-teatri taċ-ċinema u n-netwerks kummerċjali relattivament kbar. Madankollu, l-ikbar netwerks tat-teatri taċ-ċinema (b'aktar minn 60 skrin) huma esklużi mill-għajnuna. L-awtoritajiet Taljani sostnew li l-għoti ta' benefiċċji tat-taxxa lit-teatri taċ-ċinema kollha ta' daqs żgħir tirrestawra kundizzjonijiet ekwi fis-settur, li huwa ddominat min-netwerks il-kbar tat-teatri taċ-ċinema.

(70) Il-kreditu ta' taxxa għandu l-għan li jgħin lit-teatri taċ-ċinema li mhumiex kapaċi, b'mod partikolari fil-kuntest ekonomiku attwali, li jiksbu biżżejjed fondi privati għan-nefqa għolja tal-konverżjoni għad-diġitali.

([10]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar għajnuna mill-Istat għall-films u xogħlijiet awdjoviżivi oħra (ĠU C 332, 15.11.2013, p. 1).

(71) B'kont meħud ta' dak imsemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-miżura ta' għajnuna tista' titqies meħtieġa sabiex tippreserva u tirrestawra fl-Italja ambjent ċinematografiku diversifikat f'kuntest diġitali. Il-preżenza kontinwa ta' tipi differenti ta' teatri taċ-ċinema, mit-teatri b'sala waħda għal teatri b'ħafna swali bi programmazzjoni kummerċjali, hija fundamentali biex tissalvagwardja offerta ta' films ċinematografiċi diversifikata għall-popolazzjoni Taljana. Kif rikonoxxut mill-osservazzjonijiet riċevuti mill-partijiet interessati, it-tranżizzjoni għaċ-ċinema diġitali tikkostitwixxi mument kritiku għas-settur ċinematografiku b'mod globali, meta jitqies li huma biss in-netwerks il-kbar tat-teatri taċ-ċinema li jistgħu jaċċessaw faċilment il-mudelli kummerċjali tat-tranżizzjoni. Id-dejta tas-suq mogħtija mill-awtoritajiet Taljani wriet li l-implimentazzjoni *de minimis* tal-miżura mhijiex biżżejjed biex tikkompleta t-tranżizzjoni, speċjalment għat-teatri taċ-ċinema li għandhom aktar minn skrin wieħed. Jekk huwa minnu li ċerti teatri taċ-ċinema kienu kapaċi jaċċessaw l-offerti tal-VPF, huwa anki minnu li l-mudelli ta' tranżizzjoni kummerċjali ma jkoprux l-ispejjeż kollha tal-konverżjoni diġitali tat-teatri taċ-ċinema (ara l-punt 32). Anki f'dawn il-każijiet, is-sostenn pubbliku jista' jitqies neċessarju, sakemm huwa kkonċepit bħala kumplimentari u jiżgura li l-miżura tibqa' proporzjonali indipendentement mit-tip ta' teatru taċ-ċinema involut.

(b) *Il-proporzjonalità tal-miżura*

(72) L-awtoritajiet Taljani eskludew l-impriżi ċinematografiċi li għandhom aktar minn 60 skrin mill-benefiċċju tal-kreditu ta' taxxa. L-istruttura tas-suq ċinematografiku Taljan turi biċ-ċar l-eżistenza ta' distakk bejn l-impriżi li għandhom sa 60 skrin u dawk ta' daqs ikbar (cfr. il-punti 36 u 37). Il-limitu introdott jidher għalhekk proporzjonali meta jitqies l-objettiv tas-sistema.

(73) Barra minn hekk, il-kreditu ta' taxxa jirrigwarda biss parti (30 %) tal-ispejjeż tal-konverżjoni u huwa limitat għal EUR 50 000 fis-sena. Bil-kalkulazzjoni tal-ammont tal-għajnuna fuq il-bażi ta' perċentwal tal-ispejjeż reali tad-diġitalizzazzjoni, l-awtoritajiet Taljani jiggarantixxu li l-għajnuna tibqa' proporzjonata, anki jekk l-ispejjeż jistgħu jvarjaw minn każ għal każ. Fil-fatt, bħalma enfasizzaw ħafna minn dawk li ppreżentaw osservazzjonijiet, il-punt 29, l-ispejjeż għad-diġitalizzazzjoni jistgħu jiżdiedu b'mod sinifikanti 'l fuq mill-medja f'ċerti każijiet, pereżempju meta jkun hemm ħtieġa ta' xogħlijiet sostanzjali fuq il-kabina tal-projezzjoni. Fit-tali każijiet atipiċi, il-limitu ta' EUR 50 000 jiżgura li l-ammonti assoluti tal-għajnuna jibqgħu proporzjonati.

(74) Filwaqt li d-deċiżjoni ta' bidu tal-proċedura qajmet mistoqsijiet dwar l-għajbien possibbli ta' sistemi kummerċjali għall-konverżjoni għaċ-ċinema diġitali, il-punt 50 juri li fl-Italja ġew żviluppati sistemi kummerċjali differenti li jistgħu jkunu kkombinati mal-kreditu ta' taxxa propost favur iċ-ċinema diġitali. Fid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni emendati l-awtoritajiet Taljani daħħlu dispożizzjonijiet speċifiċi biex jiżguraw li l-kombinazzjoni ta' finanzjament pubbliku u privat għall-konverżjoni għaċ-ċinema diġitali ma tinvolvix kumpens żejjed jew r-ridirezzjoni tal-għajnuna (pereżempju lid-distributuri jew lill-intermedjarji ("integraturi") fil-mudell "virtual print fee"). B'dan il-mod l-awtoritajiet Taljani jippromwovu l-aqwa sinerġija bejn il-mudelli kummerċjali disponibbli u l-għajnuna mill-Istat sabiex jiffavorixxu l-konverżjoni sħiħa għad-diġitali.

(75) Il-kreditu ta' taxxa jista' jkun ikkombinat ukoll ma' miżuri oħra ta' għajnuna. Sabiex jiggarantixxu l-proporzjonalità tal-għajnuna, l-awtoritajiet Taljani introduċew quċċati massimi għall-akkumulazzjoni tal-għajnuna, ugwali għad-90 % għat-teatri taċ-ċinema żgħar (bi skrin wieħed jew tnejn) u għall-75 % għat-tipi ta' teatri taċ-ċinema l-oħra.

(76) B'mod iżjed ġenerali, id-domanda għandha tkun akkumpanjata minn dokument iċċertifikat li jindika l-ispejjeż reali li saru għal kull skrin u huma previsti kontrolli tal-Ministeru tal-Wirt u tal-Attivitajiet Kulturali u tat-Turiżmu fuq kull każ. Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni jindikaw ukoll li l-kreditu ta' taxxa se jkun irkuprat (miżjud bl-imgħax u l-penali) fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi.

(c) *L-adegwatezza tal-miżura*

(77) Il-kjarifikazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet Taljani, kif ukoll l-introduzzjoni tat-trasferibilità tal-krediti ta' taxxa, jiggarantixxu li l-miżura se jkollha impatt fuq id-destinatarji tas-sistema. Anki t-teatri taċ-ċinema bl-inqas qligħ għandhom ikunu kapaċi jaċċessaw is-sistema.

(78) Il-miżura ma għadhiex qed tiġi pproponuta bħala miżura pilota, iżda għandha tidħol fis-seħħ fl-aħħar tal-2022.

(79) Id-dejta mogħtija mill-awtoritajiet Taljani (il-punti 57 u 58) turi li l-miżura hija aċċessibbli għat-tipi kollha ta' teatri taċ-ċinema, b'mod partikolari dawk ta' daqs aktar żgħir. Għalkemm hemm fatturi oħra li seta' kellhom impatt, għandu jkun innutat li ż-żieda sinifikanti fin-numru ta' teatri taċ-ċinema b'1, 2, 3 jew 4 skrins li bbenefikaw mill-kreditu ta' taxxa (skont ir-Regolament "*de minimis*") fl-2012 u l-2013 tikkoinċidi mal-introduzzjoni tat-trasferibilità tal-krediti ta' taxxa fl-2012 (il-punt 25).

(80) B'mod aktar ġenerali, l-miżura tidher adegwata biex tissalvagwardja d-diversità tat-teatri taċ-ċinema li jeżistu fis-suq Taljan, li jinkludu dawk b'sala waħda, teatri taċ-ċinema kummerċjali żgħar u tipi differenti ta' multiplex. Din id-diversità hija suppożizzjoni għall-offerta ċinematografika differenzjata.

(d) *Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ*

(81) Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ huma modesti. Id-dimensjoni transfruntiera tat-teatri taċ-ċinema hija limitata għall-preżenza tal-operaturi ċinematografiċi internazzjonali u għall-karattru internazzjonali tal-kummerċ tal-film. It-teatri taċ-ċinema uniċi għandhom firxa territorjali limitata, għaliex il-pubbliku mhuwiex se jivvjaġġa 'l bogħod biex imur teatru taċ-ċinema.

(82) Il-miżura tirrigwarda għajnuna għall-investiment u tagħti benefiċċju tul il-ħajja lit-teatri taċ-ċinema li jridu jaffaċċjaw tranżizzjoni waħda. Il-kreditu ta' taxxa jiggarantixxi li t-teatri taċ-ċinema kollha jkunu jistgħu jikkompletaw it-tranżizzjoni għad-diġitali, iżda ma joħloqx distorsjoni mhux dovuta tal-kompetizzjoni f'termini ta' funzjonament ta' kuljum.

(83) Huwa previst ukoll li l-ikkompletar tat-tranżizzjoni għaċ-ċinema diġitali fl-Ewropa jkun ta' vantaġġ għall-industrija ċinematografika Ewropea b'mod globali. F'dan ir-rigward, it-tħassib dwar l-istandards taċ-ċinema diġitali stipulati fid-deċiżjoni ta' bidu mhuwiex pertinenti. Il-kontribuzzjonijiet tal-partijiet terzi wrew il-kunsens tas-settur fir-rigward tal-istandards prinċipali taċ-ċinema diġitali.

VI. **KONKLUŻJONIJIET**

(84) Fid-dawl ta' dak kollu msemmi, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-miżura ta' għajnuna ssegwi objettiv kulturali definit sew. It-tħassib rigward il-ħtieġa, il-proporzjonalità, l-adegwatezza u l-impatt stipulati fid-deċiżjoni ta' bidu tal-proċedura ġie eliminat. Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-impatt tal-miżura fuq il-kummerċ jidhru li huma limitati tant li mhumiex kuntrarji għall-interess komuni. Bħala konsegwenza, il-kreditu ta' taxxa għat-tagħmir tal-projezzjoni diġitali huwa meqjus kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna mill-Istat li l-Italja beħsiebha timplimenta favur it-tagħmir għall-projezzjoni diġitali, fuq il-bażi tal-Liġi Nru 244 tal-24 ta' Diċembru 2007, tal-Ordni Amministrattiv Nru 91 tat-8 ta' Awwissu 2013, mibdul fil-Liġi Nru 112 tas-7 ta' Ottubru 2013 u tad-dispożizzjonijiet ġodda li japplikaw għall-krediti ta' taxxa mogħtija lill-impriżi ċinematografiċi għall-introduzzjoni u l-akkwist ta' tagħmir u apparati maħsuba għall-projezzjoni diġitali, hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura ta' għajnuna għalhekk hija awtorizzata.

Artikolu 2

Ir-Repubblika Taljana hija d-destinatarja ta' din id-deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Viċi President